

31987L0143

L 57/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.2.1987

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**ta' l-10 ta' Frar 1987****li temenda d-Direttiva 80/1335/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-metodi ta' analiżi neċessarji għall-iċċekkjar tal-komposizzjoni ta' prodotti kosmetiċi**

(87/143/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill Nru 87/137/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,Billi fid-dawl ta' *data* xjentifika u teknika nstab li hu neċessarju li jkun adattat il-metodu ta' l-analiżi għad-determinazzjoni ta' żingu; billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 80/1335/KEE ⁽³⁾ għandha għalhekk tkun emendata;

Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għal Progress Tekniku ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għal Progress Tekniku ta' Direttivi għat-Tneħħija ta' Ostakoli Tekniċi għal Kummerċ fil-Kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Kapitolu VI fl-Anness tad-Direttiva 80/1335/KEE hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. Li ġej jiżdied mal-punt 5:

"5.13. Karta filtru, *Whatman* Nru 4 jew ekwivalenti".

2. Li ġej jiżdied mal-punt 6.1:

"6.1.1. Iffiltra, bl-ghajjuna ta' pompa tal-vakum jekk meħtieġ, u żomm l-iffiltrat.

6.1.2. Irrepeti l-pass ta' l-estrazzjoni b'50ml oħra ta' ilma distillat. Iffiltra u għaqqad l-iffiltrati."

3. Fil-punt 6.2, ir-referenza għas-soluzzjoni għandha tinqara 6.1.2 minflok 6.1.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1988. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Frar 1987.

Għall-Kummissjoni

Grigoris VARFIS

Membri tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.⁽²⁾ ĠU L 56, tas-26.2.1987, p. 20.⁽³⁾ ĠU L 383, tal-31.12.1980, p. 27.